

Brussell, 19 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13853/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0205(COD)**

**TRANS 670
AVIATION 280
ENV 871
ENER 490
IND 341
COMPET 810
ECO 122
RECH 505
CODEC 1467
CLIMA 371
RELEX 970**

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 10884/21 INIT+ADD 1 -3
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għal trasport bl-ajru sostenibbli – Rapport ta' progress / Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Presidenza pprevediet rapport ta' progress u dibattitu ta' orjentazzjoni għall-Kunsill TTE tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar il-proposta msemmija hawn fuq. Sabiex tgħarraf lill-Ministri dwar il-progress li sar sa issa u biex tmexxi skambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet sostanzjali, il-Presidenza ħejjiet rapport ta' progress (Anness I). Fid-dawl tad-Dibattitu ta' orjentazzjoni ministerjali, fl-Anness II hemm nota ta' gwida għad-delegazzjonijiet.

Il-Coreper/Kunsill ser jiġi mistieden jieħu nota tar-rapport ta' progress li jinsab fl-Anness I. Il-Kunsill ser jiġi mistieden jindirizza l-punti mniżżla fl-Anness II.

I. DAĦLA

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta ta' hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2021 bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ¹ bil-għan li l-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni jkunu adatti biex tintlaħaq il-mira tal-UE ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbel mal-1990.

L-objettiv tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" huwa li jintlaħqu l-miri miftiehma fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima ² sabiex l-ekonomija u s-soċjetà jiġu ttrasformati b'mod fundamentali għal ġejjieni aktar ġust, aktar ekoloġiku u aktar għani. It-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-għaxar snin li ġejjin huwa kruċjali biex sal-2050 l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent b'impatt newtrali fuq il-klima fid-dinja u biex il-Patt Ekoloġiku Ewropew isir realtà.

Sabiex jintlaħaq l-għan li l-UE titqiegħed fit-triq li jkollha impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, ikun meħtieġ tnaqqis ta' madwar 90 % fl-emissjonijiet tat-trasport. Il-proposta ta' hawn fuq ikollha rwol sinifikanti f'dan, peress li l-objettiv ewlieni tagħha huwa li żżid kemm id-domanda kif ukoll il-provvista ta' Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli, inkluż Fjuwils tal-Avjazzjoni Sintetiċi, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq tat-trasport bl-ajru tal-UE. B'mod partikolari, id-dispożizzjonijiet ewlenin tagħha jiffukaw fuq l-aspetti li ġejjin:

-
- ¹ Il-pakkett hu magħmul minn tnax-il proposta tal-Kummissjoni fil-qasam tal-enerġija, l-ambjent, it-tassazzjoni, il-kummerċ u t-trasport; għadhom mistennija proposti addizzjonali fil-qasam tal-politika tal-enerġija qabel tmiem din is-sena. Tliet proposti leġislattivi huma marbutin direttament mal-politiki dwar it-trasport: il-proposta msemmija hawn fuq, ReFuel Maritime u r-Regolament dwar l-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi (AFIR).
- ² Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021).

- (i) l-istabiliment ta' rekwiżiti għall-promozzjoni tal-fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli u tal-fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku mill-2025 b'żieda gradwali sal-2050;
- (ii) l-istabiliment ta' perijodu tranżizzjonali li jippermetti lill-fornituri tal-fjuwil jilħqu l-miri stabbiliti fl-anness bħala medja ponderata madwar l-Unjoni;
- (iii) l-iżgurar ta' miżuri kontra t-tankering;
- (iv) l-istabiliment ta' obbligi ta' rappurtar għall-fornituri tal-fjuwil u għall-operaturi tal-inġenji tal-ajru.

Il-proposta ta' hawn fuq tippreżenta interkonnessjonijiet ma' proposti oħra tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". B'mod partikolari, id-definizzjoni ta' fjuwil tal-avjazzjoni sostenibbli u ta' fjuwil tal-avjazzjoni sintetiku msemmija fiha ġejjin mid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli (RED)³. Id-dispożizzjoni dwar l-obbligu tal-ajruporti tal-Unjoni li jipprovdu l-infrastruttura hija interkonnessa mal-AFIR⁴.

³ Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018).

⁴ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - COM(2021) 559 final.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli⁵ minn din il-proposta u lis-Sur Søren GADE (DK, RENEW) bħala r-rapporteur.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu fl-20 ta' Ottubru 2021⁶.

Il-Kumitat tar-Reġjuni għadu ma adottax l-opinjoni tiegħu dwar din il-proposta.

Il-Parlament Spanjol adotta opinjoni⁷ dwar l-applikazzjoni tal-Prinċipju tas-Sussidjarjetà fis-27 ta' Ottubru 2021 u s-Senat Ċek adotta riżoluzzjoni⁸ dwar il-proposta.

⁵ Il-kumitati parlamentari ITRE u ENVI ser jaġixxu skont il-proċedura ta' kumitati assoċjati (l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew).

⁶ ST 13293/1/21 REV 1.

⁷ ST 13710/21

⁸ ST 14035/21

III. ĦIDMA FI ĦDAN IL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

Matul il-Presidenza Slovena, għadd sinifikanti ta' laqgħat fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni ttrattaw il-proposta ta' hawn fuq. Sal-lum, seba' laqgħat ġew iddedikati għall-preżentazzjoni tal-proposta, l-analiżi tal-valutazzjoni tal-impatt tagħha, l-eżami bir-reqqa artikolu b'artikolu tagħha, kif ukoll l-eżami ta' tliet kompromessi tal-Presidenza.

Barra minn hekk, din il-proposta ġiet indirizzata fil-qafas ta' skambju usa' ta' fehmiet dwar it-tliet fajls relatati mat-trasport tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" li sar fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-12 ta' Novembru 2021.

Il-Presidenza Slovena ħejjiet ukoll ir-rapport ST 13977/21 bil-għan li jagħti s-sitwazzjoni attwali ġenerali u ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar mhux biss fuq din il-proposta iżda b'mod ġenerali fuq il-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %". Ir-rapport jiffoka fuq l-aspetti orizzontali tiegħu, bħall-interkonnessjonijiet bejn il-proposti, u l-kwistjonijiet ewlenin li tqajmu fid-diskussjonijiet sa issa. Dan ir-rapport tqassam lill-formazzjonijiet kollha tal-Kunsill responsabbli mill-proposti differenti tal-pakkett bħala dokument ta' sfond.

IV. ĦIDMA GĦAL KOMPROMESS

Il-Presidenza ħejjiet u ddiskutiet mal-membri tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni tliet testi ta' kompromess⁹ li indirizzaw il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet tal-proposta. Madankollu, iż-żewġ kwistjonijiet kontenzjużi ewlenin elenkati hawn taħt għadhom jeħtieġu aktar ħidma.

Id-dibattitu wera l-importanza tal-proposta għall-Istati Membri. Filwaqt li l-Istati Membri jappoġġaw l-oġettivi tagħha, bosta għandhom approċċi differenti dwar kif dawk l-oġettivi għandhom jintlaħqu. Matul id-diskussjonijiet waqt il-Presidenza Slovena ġew iċċarati u mtejbja l-aspetti li ġejjin:

- 1) ġiet introdotta klawżola ta' inklużjoni fakultattiva għal ajruporti iżgħar li l-Istati Membri jixtiequ jdaħħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-proposta.
- 2) il-kamp ta' applikazzjoni tal-operaturi tal-inġenji tal-ajru ġie estiż aktar u aktar operaturi tal-inġenji tal-ajru issa jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament.
- 3) id-definizzjoni ta' "fjuwil tal-avjazzjoni meħtieġ kull sena" u l-Artikolu 5 ġew iċċarati sabiex jiġu żgurati miżuri ta' sikurezza fid-dispożizzjonijiet kontra t-tankering.
- 4) id-dimostrazzjoni tal-konformità mill-fornituri tal-fjuwil ġiet iċċarata.
- 5) ir-rwol tal-awtorità kompetenti nazzjonali ġie ċċarat, b'mod partikolari fil-konfront tal-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea.
- 6) it-terminoloġija marbuta mal-multi tjebet.
- 7) l-obbligi tal-ġbir u r-rappurtar tad-data ġew sostanzjati biex jiġi żgurat il-monitoraġġ tal-effetti ta' dan ir-Regolament fuq il-kompetittività tal-operaturi u ċ-ċentri tal-Unjoni.

⁹ ST 11686/21 + REV 1-2

V. KONKLUŻJONIJIET

Fuq il-bażi tal-ħidma mwettqa sa issa, il-Presidenza waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

1. L-Istati Membri fil-bieċa l-kbira tagħhom jappoġġaw l-oġġettivi tal-abbozz ta' Regolament.
2. Madankollu, fuq żewġ punti ewlenin ta' kontenzjoni, l-Istati Membri għandhom pożizzjonijiet differenti. Dawn huma:
 - il-livell u ż-żmien tal-mandati introdotti f'dan ir-Regolament;
 - id-definizzjoni ta' Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-fjuwils li ser jiġu permessi li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.
3. Fl-aħħar nett, għad fadal xi punti li għad iridu jiġu elaborati. Dawn jinkludu:
 - id-dispożizzjonijiet kontra t-tankering fuq titjiriet ġewwa l-UE;
 - it-tul, u l-kamp ta' applikazzjoni tal-perjodu tranżizzjonali;
 - id-destinazzjoni tal-multi miġbura mill-Istati Membri fl-Artikolu 11 dwar l-Infurzar;
 - razzjonalizzazzjoni tat-tabelli fl-Anness II.

Filwaqt li l-Presidenza tqis li ħadmet b'mod estensiv fuq it-test u l-punti l-anqas kontenzjużi tiegħu, għad fadal aktar ħidma preparatorja li trid issir. Il-Presidenza ppreżentat ukoll proposti dwar il-punti ewlenin ta' kontenzjoni fl-aħħar test ta' kompromess tagħha iżda huma meħtieġa diskussjonijiet aktar fil-fond.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress li sar dwar il-ħidma b'rabta mar-Regolament propost biex jiġu żgurati kondizzjonijiet ekwi għat-trasport bl-ajru sostenibbli.

L-Istati Membri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom fir-rigward tal-aspetti li ġejjin tal-proposta:

- *l-adegwatezza tal-livell tal-mandati ta' taħlit proposti mill-Kummissjoni fil-kisba tal-miri klimatiċi tal-UE;*
- *jekk l-approċċ tal-Kummissjoni dwar liema fjuwils għandhom ikunu eliġibbli bħala Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli huwiex biżżejjed biex jaqbel mal-livell ta' ambizzjoni għall-Fjuwils tal-Avjazzjoni Sostenibbli madwar l-UE, filwaqt li jiġu żgurati l-integrità ambjentali u l-kompetittività tal-operaturi tal-UE.*